Ghejjun ta' Ilma Frisk u Dejjem Ħaj

Ħolqa bejn il-Ħbieb ta' Missirijiet il-Knisja ppubblikata mis-Socjeta' Patristika Maltija

Nru 18 15 ta' April 2019

Kelmtejn bejn il-Ħbieb

Għeżież ħbieb,

Nittama li tinsabu tajbin. Issa li bdejna l-Ġimgħa Mqaddsa, qegħdin niġu msejħa biex nidħlu aktar fil-fond u nikkontemplaw dak li għadda minnu l-Mulej fit-tbatija, il-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet. Ħafna siltiet patristiċi jitkellmu dwar il-Misteru tal-Fidwa tagħna.

L-Irtir tar-Randan sar is-Sibt 23 ta' Marzu li għadda. It-tema kienet "Ħa nqum u mmur għand missieri", meħuda mil-Liturġija ta' dik l-istess ġurnata. Rev. Prof. Martin Zammit tkellem dwar l-iben iż-żgħir tal-parabbola li hemm f'Luqa 15, waqt li Rev. Dr Mark Sultana ddedika r-riflessjoni tiegħu għall-iben il-kbir. Numru sabiħ minnkom ħadu sehem f'dan l-Irtir. Mill-*feedback* tagħkom, qed jidher ċar li dan il-format ta' rtir (jiġifieri ġurnata, mid-9.15am sal-4.30pm) huwa dak li jagħmilha aktar faċili biex numru sabiħ ikun possibbli għalihom li jattendu.

Inselli għalikom u nixtiqilkom kull ġid fil-Mulej. Nawgura lil kull wieħed u waħda minnkom Għid hieni fil-paċi u l-ferħ ta' Kristu Rxoxt.

Dun Hector Scerri
President

Tahdita Pubblika

L-Erbgha 22 ta' Mejju 2019, fis-6.30pm
fir-Refettorju l-Antik, il-Kurja, Floriana (dħul minn Lion Str)
Suggett: Il-Kristjaneżmu Orjentali u l-firxa tal-Islam (sekli VII-IX). Kelliem: Rev. Dr Joseph Ellul O.P.
Il-laqgha tintemm ghall-habta tas-7.30pm.

Fuq Radju Marija

Bħalissa is-Soċjetà Patristika Maltija qed ixxandar skeda ta' 13-il programm dwar *L-Istqarrijiet* ta' Santu Wistin. Qed jinqraw siltiet, u jsir kumment dwarhom minn kelliema differenti. Dawn il-programmi qed jixxandru nhar ta' Erbgħa filgħaxija fit-8.00pm, b'ripetizzjoni nhar ta' Ħadd filgħaxija, fit-8.30pm.

Ahbarijiet

- Nhar il-Ġimgħa 26 t'April 2019, fis-7.00pm, fis-Sala tal-Kunvent Santu Wistin, ir-Rabat, Għawdex, se jitnieda l-ktieb ta' Patri Salvinu Caruana OSA, *Jien s'hawn nista'. Martinu Luteru. Riforma jew riforma?* Kulħadd huwa mistieden, speċjalment il-pubbliku Għawdxi.

- Bejn Ottubru 2019 u Marzu 2020 se jsir Kors ta' 15-il laqgħa dwar l-Istqarrijiet ta' Santu Wistin ġewwa l-Istitut Agostinjan, f'tal-Pjetà. Għal aktar tagħrif, ċempel 2124 9407 jew 7929 4177.

Siltiet qosra mis-Santi Padri

"Il-passjoni tas-salvatur tagħna Sidna Ġesù Kristu timliena bit-tama tal-glorja u tgħallimna s-sabar" (Mid-*Diskorsi* ta' Santu Wistin).

"Il-pjan ta' Alla s-Salvatur tagħna għalina l-bnedmin kien li jerfagħna mill-miżerja li fiha waqajna biex ... ireġġagħna għall-ħbiberija miegħu" (San Bażilju l-Kbir, *L-Ispirtu s-Santu*).

"Bil-mewt tiegħu, Ġesù qered il-mewt tagħna; aħna bil-mewt tiegħu, neħilsu mill-mewt" (Mit-*Trattatti dwar l-Evangelju skont San Ġwann* ta' Santu Wistin).

"Trid tara x'qawwa oħra għandu dan id-demm ta' Kristu? Nixtieqek tara minn fejn ħareġ l-ewwel, minn liema għajn nixxa ... il-bidu tiegħu kien ġenb il-Mulej" (San Ġwann Griżostmu, *Katekeżi).*

"Minħabba fik, jien li jien ogħla mis-smewwiet, inżilt fl-art, anzi sa qiegħ l-art; minħabba fik, ja bniedem, jien sirt qisni bniedem bla saħħa li għandu friexu fost il-mejtin" (Omelija antika fuq is-Sibt Qaddis tal-Għid).

"Kristu hu l-Għid tas-salvazzjoni tagħna, dak li ġarrab kollox fina lkoll: f'Abel ġie maqtul, f'Iżakk marbut bil-ħbula; f'Ġakobb kien qisu wieħed mikri ..., fil-ħaruf tal-Għid issagrifikat" (Melitone ta' Sardi, *Omelija dwar l-Għid*).